MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru 347/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**versus**

**Giuseppe Borg**

Il-Qorti,

**1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Giuseppe Borg ta’ 41 sena, bin missier mhux magħruf u Maria Borg imwieled il-Pieta’ fil-21 ta’ Marzu 1966 u li joqgħod f’numru 113 Flat Numru 4 Tril-Lvant Valletta u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 131366(M)**

Akkużat talli

(a) Fl-10 t’April, 2007 ġewwa l-Belt Valletta ikkommetta serq ta’ bank card, karta tal-identita’ u oġġetti oħra li

jappartjenu lil Helen Aloisio, liema serq sar għad-dannu ta' l-imsemmija Helen Aloisio u ma jaqbiżx il-mitt lira Maltin. (Artikolu 261 tal-Kap 9)

Akkużat ukoll talli fl-10 t'April, 2007 f'dawn il-Gżejejr, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda lijiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew maħgmula b'riżoluzzjoni waħda: (artikolu 18 tal-Kap 9)

(b) b'mezzi kontra l-Liġi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki fologz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' somma flus ta' inqas minn LM500 ghad-dannu ta' Helen Aloisio, ta' l-istabbiliment Portside, u stabbilimenti, kumpaniji u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ċ) u aktar talli fl-istess data, lokalitiajiet u ċirkostanzi, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor mwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe EPOS transaction slipt kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minnhom u dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d)  u aktar talli fl-istess data, lokalitajiet, u ċikostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' EPOS transaction slips, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dan il-pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw kif ukoll talli xjentement għamel użu

mill-istess att, kitba jew skrittura falza (bi ksur tal-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9);

(e) U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet, u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew bara minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom liema oġġetti ġejjin minn reat ta' serq. (Dan bi ksur tal-artikoli 18 u 334 tal-Kap 9).

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 1313 tal-1966, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-imputat u dak tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokument IA1, ir-ritratti mmarkati bħala IA2, il-figaro restaurant report immarkat bħala IA3 u IA4, l-istqarrija tal-imputat Dok IA5 (fol 24), l-extacts tal-Bank a fol 41 u 42, il-current incident report immarkat IA6 u d-dokument MM a fol 53.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament kif ukoll it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

3. Skond il-Prosekuzzjoni, l-imputat kein għamel stqarrija fejn huwa nnega li kien seraq il-visa card. Huwa allega li kien iltaqa' ma' raġel fi Strada Forni li kellu l-card t'ommu (jiġifieri ta' omm dan ir-raġel) u li ma kienx jaf jiffirma. Huwa talab lill-imputat jagħmillu pjaċir biex imur f'xi ħanut u jiġbed xi flus u hemm jiffirma l-imputat.

4. L-imputat qal li kien mar il-ħanut tal-Legligin u ħallas bil-card li tah dan ir-raġel. Minn għand il-Portside ħa Lm200.

5. L-imputat stqarr li ma kienx iffirma b'ismu iżda b'isem min kien hemm fuq il-visa card. L-imputat qal li ma kienx jaf li l-card tal-Bank of Valletta u tal-ID card kienu għadhom kif insterqu ftit tal-ħain qabel dak in-nhar stess.

Huwaqal li dak in-nhar kien mar l-Embassy fejn tintlab it-tombla. L-imputat għaraf lilu nnifsu minn fuq is-CCTV security cameras ta’ Portside.

6. L-Ispettur Ian Joseph Abdilla ikkonferma li fil-mument li l-imputat intlemaħ fil-viċinanzi tal-Bingo Hall li tinsab ġewwa l-Embassy Complex f’dak il-mument li twettqet is-serqa.

7. A fol 22 tidher ir-riċevuta tal-Legligin bil-firma Helen Aloisio waqt li a fol 23 tidher l-istess firma fuq ir-receipt maħruġa mill-Portside Lounge ta’ 71 The Strand Sliema. (Ara wkoll Dok MM a fol 53).

8. PS 325 Patrick Bonnici ikkonferma li fil-11 t’April 2007 kienet marret ċerta Helen Aloisio tagħmel rapport li kien insterqilha l-portmoney b’diversi affarijiet fih mill-Bingo Hall tal-Embassy Complex.

9. Is-Sinjura Helen Aloisio ( a fol 35 et) xehdet li kienet insterqitlha l-visa card u kienu nġibdu madwar Lm211 minnha. Kienet indunat li nsterqet eżattament malli aħrġet mit-tombla.

10. Is-sur Norbert Galdes, Manager Risk and Complaince, Bank of Valletta spjega t-transazzjonijiet li saru fl-10 t’April 2007 mill-card f’isem Helen Aloisio. (4324390013492018). Il-card kienet intużat fil-ħanut Capistrano, il-Portside Lounge u f’ħanut il-Belt jismu Legligin. Kien hemm ammont li ma għaddiex u dan kien ta’ Lm250. Id-dati kienu bejn l0 t’April 2007 fid-9.30pm sal-Portside Lounge fil-11 t’April 2007 fil-11.00pm. (Ara l-extracts a fol 41 u fol 42).

11. Xehed Joseph Cassar li qal li l-imputat mar jiekol il-Leglegin fl-10 t’April 2007 u fl-aħħar tah card tal-Bank of Valletta beix iħallas. Huwa kien iffirma r-receipt u x-xhud qal li l-firma raha stramba għaleix din ma kenitx tiegħu. L-imputat talab ukoll biex juża l-card ħa jingħata xi flus iża flus ma ngħatax.

12. Xehdet ukoll Angie Galea li qalet li l-imputat mar jiġbed il-flus u l-ewwel ammont il-magna ma tatulux. Imbagħad ipprova għal miktejn lira Maltija u l-magna tathomlu. L-imputat ien iffirma qisu photocopy eżatt mal-firma.

13. WPC 103 Marcelle Mifsud xehdet li kienu tawhom li l-Portside Lounge Slieam kienu trawhom xi  CD li nġidbet minn fuq CCTV camera u ħadu xi ritratti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

14. L-imputat huwa akkużat b'serq ta' visa card, karta tal-identita' u oġġetti oħra.  Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ċaħad li kien seraq hu.  Il-Qorti, bir-rispett kollu ma temmnux għal dawn ir-raġunijiet:

(a)   L-imputat ivvinta storja li m'hi xejn konvinċenti għax raġel li għandu bżonn il-flus u ma jafx jiffirma ma jagħtix il-credit card t'ommu lil ħadd ieħor biex isiru t-transazzjonijiet meħtieġa.

(b) L-imputat intlemħ fl-inħawi tal-Bingo Hall fil-ħinijiet li saret is-serqa.

(ċ) Id-dottrina tar-recent possession li ma hi xejn għajr li wieħed ikollu l-oġġett misruq propja fit wara li l-oġġett ikun isnteraq.  Is-serqa saret fl-10 t'April 2007 u mill-electronic point of sale tal-Legliglin – tefgħa ta' ġebla bogħod mill-Embassy – kienet qed tintuża fl-10 t'April stess fit-20.35.

Għalhekk qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni – Truffa jew Frodi Innominata**

15. Dwar it-tieni imputazzjoni, huwa tasew li għat-truffa jinħtieġ li jkunu ntużaw xi ġesti jew inganni biex jitqarraq ħadd ieħor.  Mill-provi dawn ma jirriżultax li kien hemm. Għalhekk ma ssibx lill-imputat ħati ta' ksur tal-artikolu 308 tal-Kap 9 iżda minflok issibu ħati li kiser l-artikolu 309

(frodi innominata), liema reat huwa kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni.

## It-Tielet Imputazzjoni

16. Dwar it-tielet imputazzjoni, id-difiża ssottomettiet li l-imitazzjoni ta' firma mhix falsifikazzjoni għaliex id-dokument biex ikun falz għandu mhux biss jigdeb iżda għandu jigdeb dwaru nnifsu. (artikolu 167 u 169 tal-Kap 9)L-imputat ma ffalsifikax l-visa card iżda niżżel fuq l-irċevuta l-isem ta' min kien hemm fuq il-visa card. Issa l-artikolu 189A tal-Kap 9, miżjud fis-sena 2002, jgħid li l-kelma 'dokument' **tinkludi** 'card, disc, tape, soundtrack or other device on or in which information is or may be recorded or stored by mechanical, electronic or other means.' Fil-fehma tal-Qorti din id-definizzjoni tinkludi r-riċevuta li fuqha wieħed jiffirma meta jieħu s-servizz jew jixtri l-oġġett. Madanakollu l-imputat ma ħoloqx xi riċevuta mill-ġdid jew biddel xi ħaġa fiha iżda qal biss li qed tħallas persuna li effettivament ma kenitx qed tħallas. Din tammonta għal gidba. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

## Ir-Raba' imputazzjoni

17. Iżda dwar ir-raba' imputazzjoni l-Qorti taħsibha xort'oħra. L-artikolu 183 tal-Kap 9 huwa redatt b'mod differenti. Dan jibda bil-kelma 'forgery' iżda jispeċifika :

'of any commercial document or private bank document, by **counterfeiting o**r altering the writing or signature'

L-Oxford English Dictionary jagħti din it-tifsira ta' 'counterfeit':
'made in imitation; not genuine; resemble closely'

Din it-tifsira tal-kelma 'counterfeit' teħodna 'l hemm mit-teorija abbraċċjata mill-Kenny 'that for a forgery to subsist ' a document must not only tell a lie but tell a lie about itself.'

18. Din hija dispożizzjoni ***ad hoc*** fil-Liġi Maltija imqar jekk tibda bil-kelma ġenerika 'forgery' tkompli billi tuża reġistru ta' kliem differenti. L-artikolu jagħti ezempji konkreti biex juri fejn ried jasal il-Leġislatur. Fosthom isemmi l-kelma 'counterfeiting' li għandha konnotati li jmorru 'l hemm milli wieħed joħloq mill-ġdid xi dokument falz jew jibdel xi element essenzjali f'dokument ġenwin. Il-Kelma 'counterfeit' bl-ebda mod m'hi marbuta ma' ħolqien ex nova ta' document jew xi tibdil f'xi document li għandu jkun aċċettat. Huwa biżżejjed li wieħed jimita firma huwa u jimla cheque jew xi document ieħor bit-tifsir wiesgħa mogħtija lil din ilp-kelma biex ikun qed jikser dan l-artikolu. L-imputat manifestament imita l-firma ta' Helen Aloisio u ħa dak li ried. Għaldaqstant il-Qorti qed issibu ħati li kiser iż-żewġ artikoli indikati fir-raba' imputazzjoni.

**Il-ħames Imputazzjoni**

19. Din l-imputazzjoni hija dwar ir-riċetazzjoni. Peress li din l-imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha ġaladarba l-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

20. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 28A, 28H, 284 (serq sempliċi), 308, 309, 310(1)(b), 167, 169, 183, 184, u 334 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kif redatta iżda minflok issibu ħati taħt l-artikolu 309 (frodi innominata) reat li huwa kompriż u involut fl-artikolu 308 li hija assorbita fit-raba' imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, mhux ħati tat-tielet imputazzjoni, ħati tar-raba' imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni stante li din hija alternattiva għall-ewwel waħda li tagħha din il-Qorti diġa' sabitu ħati.

21. Il-Qorti qed tqis li l-abbuż bil-cards jista' jġib danni serji u f'temp ta' xejn l-imputat kien diġa' ggwadanja aktar minn Lm200 u li kien diġa' użaha tliet darbiet. Għalhekk, wara

li l-Qorti rat ukoll l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal ħmistax-il xahar priġunerija li pero' m'għandhomx jidħlu fis-seħħ jekk l-imputat ma jwettaqx xi reat fi żmien tliet snin mil-lum. Barra dan, l-imputat irid irodd lill-Bank of Valletta is-somma ta' Lm211 (€483.74) fi żmien sitt xhur mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------